**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 899/2010/2**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Peter Paul Attard**

**Carmel Chircop**

**Omissis**

**Illum, 14 ta' Jannar, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Peter Paul Attard** detenur tal-karta tal-identita Maltija **713060M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Ottubru 2008, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma' persuni ohra irrendejt ruhek kompliċi f'delitt ta' serq u cioe' serq ta' 'fuel oil' mill-fond garaxx proprjeta' ta' Cassar Fuels Ltd., sitwat fi Triq il-Kummerè, Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta €2330, bil-mezz u bil-ħin u li sar ghad-detriment ta' Cassar Fuels Ltd., liema reat, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku inti kellek tissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħek inti kellek id-dmir li timpedixxi;

2. Kif ukoll talli nhar it-18 ta' Ottubru 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, assoċjajt ruhek ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li tagħmel delitt f'Malta, liema reat, bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku inti kellek tissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba I-kariga tiegħek inti kellek id-dmir li timpedixxi;

3. U aktar talli, fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Ottubru 2008, wara nterventi li saru minn Uffiċjali tal-Pulizija, flimkien ma' persuni ohra, bil-komplicita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin, xjentement ġejt fil-pussess, u/jew xjentement kellek b'xi mod x'taqsam fit-twarrib, depożitu, habi u/jew garr ta' 85,000 litru gas oil bla dazju, u / jew xjentement iddisponejt minn dan l-istess gas oil u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazju u it-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqu, u/jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-gas oil;

4. Dan il-gas oil, li l-importazzjoni u l-pussess tiegħu huwa pprojbit u/jew ristrett u/jew limitat, ghandu valur totali ta' €36,205, Dazju tas-Sisa dovut ta' €28,090 u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T) li tammonta għal €11,573, fejn liema Dazju u Taxxa ma kinux ġew imhalisa u/jew kawtelati, u dan bi ksur tal-Artikoli 62(c)(e) (f)(g)(h)(1)(k) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta); u kif ukoll tal-Artikoli 16(1)(i)(j)(n), 16(2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att nru. XXIII tal- 1998);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-17 ta' April ,2024 , fejn wara li rat l-Artikoli 17, 31, 42, 43, 44, 45, 46, 48A, 49, 50, 141, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(3), 279(b), 281(a), 334(a), 476(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll l-artikoli 62(c)(e) (f)(g)(h) (i) (k) tal-Ordinanza tad- Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll l-artikolu 16(1)(i)(j)(n) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikolu 80 tal-Att Nru XXIII tal-1998:

Sabet lil Peter Paul Attard hati tal-ewwel (1) imputazzjoni iżda mhux fil-kapačita tiegħu bħala uffiċjal pubbliku, hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet u kkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandhom jigu sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data tas-sentenza, u kkundannatu wkoll għal multa ta tnejn u erbghin elf, mija hamsa u tletin ewro (€42,135) b'terz ta' din il-multa tigi kunsidrata bhala dejn čivili pagabbli lid-Dipartiment tad-Dwana;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Peter Paul Attard preżentat fir-reġistru ta′ din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta′ Mejju 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

i. Tikkonfermaha f′dik il-parti fejn l-esponenti gie lliberat minn l-akkuza li dak li ghamel ghamlu bhala Ufficjal Pubbliku;
ii. Thassarha u Tirrevoka fil-komplament billi tillibera lill-esponenti minn kull htija.

**Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;**

1. Illi l-ewwel nett jibda billi jinghad li dan il-process, u dana mhux htija u tort tal-Qorti li ddecidiet fil-prim istanza, huwa wiehed li tant ilu sejjer snin f'dewmien esegerat li anke meta wiehed jigi biex jifli l-process kwazi kwazi jsib diffikulta biex isegwi. Illi din id-diffikulta hija sinonima ma' dawn il-proceduri u huwa f'dan l-isfond li wiehed isib diffikulta kif f'karbuljata ta' xhieda u provi li kollha jippuntaw f'direzzjonijiet differenti b'tahwid enormi, l-Ewwel Qorti sabet htija fl-esponenti;

Illi l-esponenti iqis li fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti bid-dovut rispett l-ewwel ghamlet ri-assunt selettiv ta' dak li qalu x-xhieda u imbaghad ghaddiet biex tesponi fil-forma ta' 'mini assignment' xi jghidu it-teoriji tal-assocjazzjoni, l-komplicita u l-hlas ossia l-evazjoni tad-dwana u vat. Din l-esposizzjoni akkademika l-Ewwel Qorti ghamlitha billi fil-frattempt tikkwota gurisprudenza popolari fil- konsiderazzjonijiet

taghha. Wara li ssir din l-'awtopsja' akkademika wiehed jistaqsi imma fil-verita 'l ghaliex instabet htija kontra l- esponenti? Is-soluzzjoni li tipprovdi l-Ewwel Qorti ghal dina d- domanda legittima hija dak li jinstab fl-ahhar paragrafu u l-ewwel paragrafu tal-pagni 40-41 tas-sentenza appellata. Illi bid-dovut rispett l-esponenti iqis li din il-motivazzjoni moghtija assolutament ma' tersaqx lejn soluzjoni legali korretta ta' dak li jirrizulta minn dawna l- atti. Illi wiehed jittama li s-sottomissjonijiet tad-difiza jinsabu dattilografati sabiex mill-ewwel dina l-Onorabbli Qorti tifhem li l- argumenti mqajma mid-difiza b'talba ghall-liberatorja ma' gew indirizzati b'ebda mod minn L-Ewwel Qorti.

Illi verament li l-Qorti tal-Appell ma' hijiex Qorti ta' rivizjoni u mhux solitu li din il-Qorti tidhol fl-ezercizzju tal-apprezzament mill-gdid tal- provi li tkun xtarret l-Ewwel Qorti. Izda l-Ligi taghna tiddetta li meta l- apprezzament li tkun ghamlet l-Ewwel Qorti jkun wiehed skorrett, allura imbaghad I-Qorti tal-Appell ghandha l-obbligu li tissindika hi;

Issa l-kaz odjern huwa kollu kemm hu bbazat fuq provi cirkostanzjali, imressqa hazin mill-prosekutur u jew b'mod goff ghall-ahhar, bid- differenza li l-Pulizija sserrah il-kaz taghha kompletament fuq ix-xhud Kevin Debono. Illi l-esponenti jistieden lil din I-Onorabbli Qorti li tissindika sewwa sewwa x'jghid dana Debono ghaliex ix-xhieda tieghu tant hija 'at best' imhawda u 'at worst' tirravviza l-falz, b'mod li huwa impossibli li tiggudika persuna b'mod '*safe and satisfactory*' fuq xi hadd ta' dan it-tip. Illi jinghad b'rispett li bhal donnu l-Ewwel Qorti tikkontendi li verament dana Debono xehed b'mod evaziv ghall-ahhar, izda suppost li dan ghamlu biex jghatti l-agir tal-esponenti. Illi din il- motivazzjoni tal-Ewwel Qorti pero ma' tirrizulta minn imkien.

Illi jinghad li jekk xejn imbaghad mhux talli l-provi ma' ghandhomx ihallu f'mohh il-Gudikant serhan ir-ras li l-esponenti kien involut f'dan il-kaz, talli l-provi indizjarji li hawn f'dan il-kaz juru bil-maqlub. Illi minn ezami tax-xhieda tal-espert tat-telefonija Martin Bajada, wiehed isib garbuljata totali li thallik ma' tistax tifhem ezattament x'kien l- ezercizzju li dan l-espert pprova jaghmel;

Illi l-ezami li ghamel l-espert Profs Alfred Vella [li ma' jixhidx kif indikat b'mod sommarju fis-sentenza tal-Ewwel Qorti] jghid car u tond li l-fuel li huwa gie moghti biex jezamina, jekk xejn kien totalment differenti minn dak li ntalab jaghmel it-tqabbil mieghu. Dikjarazzjoni din ta' espert li ghandha tiskolpa assolutament lill-esponenti minn kwalsiasi akkuza dedotta kontra tieghu;

Illi imbaghad l-Ewwel Qorti ma' tghid xejn dwar stqarrijiet ta' terzi li kienu thallew jigu ezebiti f'dawn l-atti. Mela Debono Kevin, meta xehed viva voce qatt ma' indika li l-esponenti kien involut f'xi attivita kriminali li bis-sahha taghha, l-Pulizija setghet tghid li l-kaz kien minnha ppruvat [Is-supretendent fil-kawza angas biss ried jitratta u jaghmel sottomissjonijiet finali meta l-kaz thalla ghat-trattazzjoni] imbaghad l-Pulizija thalliet tesebixxi stqarrijiet ta' terzi fl-atti odjerni. Jinghad fl- ewwel lok li dawn l-istqarrijiet ta' terzi huma inamissibli, inkwantu stqarrija tagħmel prova biss kontra minn jirralaxxja u fit-tieni lok tali stqarrijiet jekk xejn huma legalment monki minhabba l-Ligi vigenti ta' dak iz-zmien ta' kif tittiehed stqarrija;

Illi maghmul ezami akkurat tal-provi migbura, l-esponenti iqis li mhux minnu li f'dan il-kaz I-Gudikant jista trankwillament jikkonkludi li l- elementi tar-reat mehtiega biex il-kaz kontra l-esponenti jirnexxi jinsabu prezenti. Dan il-kaz anzi bil-kuntrarju, l-provi migbura fih ma' jwasslu ghal xejn ghajr ghal konfuzjoni totali. Meqjus hekk l-esponenti ihoss li l-Qorti ghandha tillibera lill-esponenti minn kull htija;

2. Illi l-*letter to prosecute* tad-Dwana u l-Vat ma' gietx mahlufa minn min irrilaxxja. Illi l-esponenti jibda billi jghid li dokument mahrug minn xi hadd jista biss jigi mahluf minn min jirrilaxxjah. Illi din hija elementari fid-dottrina tal-evidenza u wiehed jittama li ma' tezistix il-htiega li l- esponenti jamplifika fuq dan il-punt. Issa apparti dan, l-esponenti iqis li hija skorretta l-prassi li ghaliex jitla addett tad-Dwana u jew xi Dipartiment iehor allura dan ikollu s-setgha li jikkonferma bil- gurament dokument li huwa ma' kellux xejn x'jaqsam mieghu. Illi f'dan il-kaz ezami akkurat ta' dawna d-dokumenti juri l-irregolarita taghhom. L-esponenti ihoss li l-Qrati ma' ghandhomx

iservu huma ta' salva oumo ghat-tendenza tal-Prosekutur li jiehu 'short cut' fil-mod kif igib il-provi tieghu u ghalhekk bid-dovut rispett din il-Qorti ghandha tissindika jekk hux il-kaz, kif qed tissottometti d-difiza li dawn id- dokumenti jitqiesu mhux ppruvati korrettement bil-konsegwenza imbaghad li ggib maghha azzjoni bhal din minghajr l-istess letter to prosecute;

3. Finalment u bla pregudizju, l-esponenti ma' fehmx ezatt il-kalkolu tal- ammonti mghaduda bhala multa/dejn civili a favur id-Dwana l-Ewwel Qorti kif waslet ghalihom. Illi ibda biex f'dana il-kaz ma' hemmx ir-res furtivae b'mod li wiehed jista jikkontrolla ezattament fuq x'hiex wiehed qed jitkellem. Illi gie ritjenut minn dawn il-Qrati li l-mankanza ta' din il- prova tant vitali f'akkuzi bhal dawn ghandha twassal ghall-isfaxx totali tal-proceduri. Illi mhux biss izda l-ezercizzju li wassal ghal kalkolu f'lacuna bhal din ikompli ihasseb il-mod kaswali li gie trattat bih dan il- kaz. Illi dina l-Qorti ghandha tissindika dan il-punt ukoll, u dana ghaliex jekk xejn, dan mhux kaz ta' importazzjoni ta' fuel izda dan suppost li si tratta ta' kaz ta' serq minghand terzi u l-esponenti isibha difficli jifhem ghaliex jekk f'pessima ipotesi l-Qorti taqbel li hu kien involut, huwa ghandu jhallas dwana fuq oggett li haddiehor ma' kellux ihallas dwana ghalih meta haddiehor kien meqjus bhala s-sid legittimu ta' dan il-fuel oil. Bhal donnu li dak li kien japplika ghal Cassar Fuel Limited ma' ghandux japplikka ghal haddiehor, Cassar dwana ma' hallasx, izda haddiehor ser ikollu jhallas. Dan ir-ragunament apparti li diskriminatorju wkoll ghandu jwassal sabiex f'dan il-kaz il-Qorti tara hux dovuti hlasijiet ta' taxxa kif qed tikkontendi l-Prosekuzzjoni;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fit-18 ta’ Settembru, 2024.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali fil-konfront ta’ Peter Paul Attard, ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-20 ta’ Mejju, 2024 li permezz tieghu talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

i. Tikkonfermaha fejn sabet lil Carmel Chircop hati tal-ewwel (1) imputazzjoni iżda għar-reat ta' serq sempliċi bl-applikazzjoni tal-Artikolu

476(2), kif ukoll tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar- raba' (4) imputazzjonijiet u kkundannatu ghal sitt (6) xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal- Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu sospiżi għal tmintax (18)-il xahar mid-data tas-sentenza u kkundannatu wkoll għal multa ta' tnejn u erbghin elf mija u hamsa u tletin ewro (€42,135) b'terz ta' din il-multa tiġi kunsidrata bħala dejn ċivili pagabbli lid-Dipartiment tad-Dwana;

ii. Tikkonfermaha fejn ma sabitx lil Jesmond Sghendo hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu stante nuqqas ta' provi;

iii. Tikkonfermaha fejn sabet lil Peter Paul Attard hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet u tikkonferma l-kundanna tal-multa ta' tnejn u erbghain elf mija u hamsa u tletin ewro (€42,135) b'terz ta' din il-multa tiġi kunsidrata bhala dejn ċivili pagabbli lid-Dipartiment tad- Dwana, iżda filwaqt li tikkonferma l-ħtija fl-ewwel (1) imputazzjoni, tirriformaha fil- parti fejn ma sabitux hati fil-kapaċita' tiegħu bħala uffiċjal pubbliku u minflok issibu hati fil-kapaċita' tiegħu bħala uffiċjal pubbliku u tgħaddi sabiex tinfliġġi piena aktar idoneja skont il-ligi;

**Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;**

Illi l-esponent, wara li ra l-atti tal-kawża, hassu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk, interpona dan l-umli appell;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fin-nuqqas ta' ħtija fil-kapaċita' ta' Peter Paul Attard bhala uffiċjal pubbliku;

Illi l-Ewwel Qorti sabet lil Peter Paul Attard hati tal-ewwel (1) imputazzjoni iżda mhux fil-kapaċita' tiegħu bhala uffiċjal pubbliku, mentri sabitu hati tat-tieni (2) imputazzjoni b'mod totali. L-esponent jissottometti illi kemm fl-ewwel (1) u kif ukoll fit-tieni (2) imputazzjoni, l-appellat Attard kien ġie akkużat bhala uffiċjal jew impjegat

pubbliku. Għalhekk, jekk l-Ewwel Qorti sabitu hati tat-tieni (2) imputazzjoni b'mod totali u għalhekk anka fil-kapačita' tiegħu bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, kif tista' qatt issibu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni iżda mhux fil-kapačita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku?

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Noel Cefai** deċiża nhar it-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill- Magistrat Donatella Frendo Dimech, il-Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi għad-definizzjoni ta' uffiċjal pubbliku: "taht il-frażi generali 'uffiċjal pubbliku jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostítwiti, cívili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra";

Illi l-esponent jibda billi jagħmel referenza ghal provi li juru li Peter Paul Attard kien infatti Pulizija meta sar ir-reat. L-ispettur Malcolm Bondin, issa Assistent Kummissarju, a fol. 431 tal-atti proċesswali, xehed illi "fl-istqarrija tiegħu, s-Sur Kevin Debono kien spjega kif kien avvicinat minn ċertu Peter Paul Attard li kien jafu bħala Pulizija u kellu l-laqam tal-Ġurdien" Iktar l-isfel jgħid illi "... peress li Peter Paul kien Pulizija magħna, konna nafu l-mobile number tiegħu u konna ġibna l-call profile tieghu.... F'xiehda ohra u cioe' ta' Mark Cassar, li hu s-sid ta' Cassar Fuels Ltd., isemmi lil Peter Paul Attard fejn a fol. 277 jgħid li "nafu bħala Pulizija. Issir referenza ohra ghax-xiehda ta' Steven Cassar a fol. 377 fejn meta ġie mistoqsi rigward Peter Paul Attard, stqarr li "kien ukoll bl-uniformi tal-Pulizija";

Illi inoltre, fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti ghamlet referenza għax-xiehda ta' Kevin Debono fejn qalet illi "meta kompla jixhed, ikkonferma li kien jaf lil wiehed biss mill-imputati u cioe' lil Pawlu li kien mill-Gżira u kien jahdem bħala Pulizija... għalkemm ġie mistoqsi jekk kienx għamel telefonati ma' Pawlu l-Pulizija, huwa stqarr li ma kienx jiftakar" Kevin Debono, li kien tressaq fuq l-istess reati pero' b'mod separat,

xehed f'dawn il-proċeduri wara li kien instab hati u kkonferma li lil Peter Paul Attard hu jafu bħala pulizija;

L-esponent jishaq li anka li kieku m'hemmx ix-xiehda ta' nies oħra li kkonfermaw dan, ix-xiehda ta' Kevin Debono hi biżżejjed biex tipprova li Attard hu uffiċjal pubbliku. Artikolu 638(2) jipprovdi illi "ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar". Fis-sentenza fl-ismijiet **__The Police vs Shane Kayde Rowe__** preseduta mill-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera deciża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), il- Qorti għamlet referenza ghal sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et__** deċiża mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) mill-Magistrat, illum l-Onor Imhallef Consuelo Scerri Herrera fejn il-Qorti stqarret li "huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'I fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fiċ-ċirkostanzi u dan a bażi tal-possibilita";

Illi għalhekk, l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tikkonkludi, kif essenzjalment ghamlet, li l-appellat Peter Paul Attard ma jinstabx hati fil-kapaċita' tiegħu bhala uffiċjal pubbliku fir-rigward l-ewwel (1) imputazzjoni;

Rat l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant /appellat, Peter Paul Attard.

Semghet il-partijiet jaghmlu is-sottomisjonijiet taghhom nhar is-17 t' Ottubru, 2024.

Ikkunsidrat,

Illi in succint l-appellant/appellat Peter Paul Attard qed jitlob illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti ghandha tigi rriformata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn Attard gie lliberat minn l-akkuza li dak li ghamlu, ghamlu bhala ufficjal pubbliku u thassarha u tirrevokaa fil-kumplament billi tillibera lill-istess Attard minn  kull htija.

Illi brevement l-appellant/appellat Avukat Generali qed jitlob li tigi kkonfermata s-sentenza tal-Ewwel Qorti, ghajr ghal parti fejn ma sabitx htija fil-konfront tal-appellant ghall-ewwel (1) imputazzjoniji bhala ufficjal pubbliku u minflok issibu hati fil-kapacita' tieghu bhala ufficjal pubbliku u tghaddi sabiex tinfliggi piena aktar idoneja skont il-ligi.

Illi ghalhekk f'din il-kawza saru zewg appelli. Dak tal-appellant Peter Paul Attard u dak tal-appellant Avukat Generali. Ghaldaqstant, il-kelmiet appellant u appellat japplikaw interkambjabbli ghaz-zewg partijiet. Peress li din hija kawza wahda, l-Qorti ser titratta z-zewg appelli f'gudikat wiehed u l-ewwel sejra tiddisponi minn dak tal-appellant Peter Paul Attard. Il-fatti , pero', japplikaw ghaz-zewg appelli.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti hija Qorti tal-Appell u mhux Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizja vs Julian Genovese</u>**:[1] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-*

[1] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case –*

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] 1969] 1 QB 276.

*including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**,[8] inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma

[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[10]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u

---

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

[10] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.</u>** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[11] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[12] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [13] jghid:

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[12] 1997 Edition Para 10-3.
[13] 1952.

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[14]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[15] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[16] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

---

[15] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[16] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

**Sue Fenech**[17] xehedet nhar it-30 t' Ottubru, 2012 ghan-nom tar-registratur tal-Qorti u prezentat il-proces verbal.

**L-espert Joseph Zammit** fir-relazzjoni tieghu kkonkluda illi bejn is-17 u it-18 t' Ottubru 2008, kien sehh serq bi zgass minn go garaxx tal-kumpanija Cassar Fuels Ltd, fi triq il-Kummerc Limiti ta' Hal-Qormi ta' tlett bowzers mghobbija bid-diesel. Nies mhux maghrufa accedew fuq gewwa tal-fond billi jew stahbew fil-garaxx qabel dan inghalaq jew accedew permezz ta' cavetta mill-bieb ta' wara. Jghid illi l-malvivent/i fethu l-bieb tal-garaxx inkwistjoni billi sforzaw il-bokkla tal-katnazz minn gewwa u nehhew il-firroli tal-bieb principali. Fl-imsemmi garaxx kien hemm diversi bawzers mimlijin bil-*fuel oil*. Il-malviventi minn gewwa hargu tlett bawzers moghbbija b'taghbija ta' 85,000 *f'diesel fuel*. Il-malviventi saqu lill-istess bawzers sa postijiet mhux maghrufa fejn inhatt it-taghbija u regghu rritornaw lit-tlett vetturi li thallew ipparkjati wara xulxin quddiem il-garaxx tal-imsemmija kumpanija. Dawn it-tlett vetturi thallew hemm miftuhin bic-cwievet originali taghhom. It-tlett vetturi baqghu ntatti minghajr hsara ghajr dik minima f'wiehed minnhom. Spjega kif minn ezamijiet li hu ghamel go sqaq f'Valletta Road Luqa rrizulta li mal-hajt tas-sejjieh fuq il-lemin kien hemm thakkik u zebgha hamra, kif ukoll impronta ta' tyre li kienu komparabbli mal-hsara tal-imsemmija vettura. Il-*fuel* li kienu qed igorru dawn il-bawzers ghandha valur ta' €232, 937. It-tlett vetturi nstabu bit-tankijiet taghhom kollha vojta. Skond id-direttur tal-kumpanija li sfat vittma ta' dan kollu, fis-sular ta' fuq instabet nieqsa l-*motherboard* li tirrekordja s-CCTV cameras li l-fond huwa mghammar bih.

**Dr Reno Borg**[18] kien mahtur mill-Magistrat Inkwerenti sabiex jisma bil-gurament ix-xhieda u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha bil-miktub. Hu kien ha x-xhieda ta' Mark Cassar fejn spjega li x-xoghol tieghu kien li jimporta u jiddistribwixxi l-*fuel* u qal li kien ilu f'dak in-negozju ghal madwar ghoxrin sena u f'dak il-post kien ilu xi sentejn jew tlieta. Huwa l-propjetarju w d-direttur ta' Cassar Fuels Ltd. Meighu kellu jahdmu erba' haddiema u cioe' ibnu Stephen, Christian Farrugia, l-gharus tat-tifla u Aaron

[17] Fol. 34 tal-process.
[18] Fol. 59 et seq tal-process.

Cassar li ma kienx jigi minnu. Dawn kollha kienu jsuqu t-trakkijiet. L-ahhar hin li kienu l-garaxx kien fl-4.15pm u kien hu li ghalaq il-garaxx u dan wara li mwlew il-bowsers kollha. Jghid li hadulhom tlett bawzers, wiehed kien jesa 36,000 litru, iehor 24,000 u iehor li kien jesa 25,000. Cassar qal li minhabba sigurta', huma jhallu c-cwievet fil-vettura stess. Jghid li xi 7.00am kien cempillu Stephen u qallu li kien halla t-trakkijiet barra ghax kien hemm tlieta barra. Meta mar sab il-bieb maghluq u naha mal-koxxa kien imbexxaq, izda l-katnazz kien fil-post. Min kien dahal kien tela' fuq u seraq ukoll it-tower tal-kompjuter li mieghu kienu mqabbdin il-cameras tas-CCTV. *Records* tal-camera ma kellux u l-*fuel* li kien insteraq kien *duty free*. Il-fuel kien thallas u kien xtrah hu minghand it-Total, permezz ta' swift. Cassar spjega wkoll li kienu serqulu bawzer xi tlett xhur jew erba' xhur qabel, izda ma kienx ghamel rapport ghax ma kienx jaf kienx mimli jew le. Qal li bawzer minnhom kien mibrux fil-mudgard bumper ta' wara u fir-rim. Il-barxa ma kienitx hemm u saret dakinhar. Bejn wiehed u iehor idum xi tlett kwarti biex jitbattlu u kull bawzer ghandu pompa. Spjega kif hu kellu suspett f'persuna li jismu Kevin Debono li kien jahdem mieghu u kienu hu li telaq l-impjieg.

**Is-SOCOs, PS 239 Joseph Caruana, PS 198 Arthur Debattista u PS 404 Paul Camilleri**[19] prezentaw ir-relazzjoni taghhom fejn hadu r-ritratti necessarji u anke elevaw xi *lifters.*

**L-espert tal-fotografija PS 516 A. Borg**[20] spjega li kien gie nominat sabiex jaghmel *downloads* mis-sistema ta' CCTV ta' Tiburon LTd fi Triq il-Kummerx Qormi kif ukoll minn Brian Muscat Garage, Triq il-Kummerc Qormi.

**Il-Professur Alfred J Vella**[21] jghid li kien gie mahtur mill-Magistrat Inkwerenti sabiex jaghmel analizi kimika u jirrelata in konnessjoni ma sejba mill-pulizija ta' *diesel fuel* li allegatament kien tat-tip *duty free* u li kien konness ma serqa ta' diesel li kienet saret f'

[19] Fol. 85 et seq tal-process.
[20] Fol. 106 et seq tal-process.
[21] Fol. 111 et seq tal-process.

18 t' Ottubru, 2008 minn Cassar Fuel Supplies. F' 3 ta' Novembru, 2008, ghal habta ta' 11.30am, l-esponent flimkien mal-Ispettur Bondin u ufficjali ohra tal-pulizija acceda go *scrap yard* li kienet propjeta' ta' certu Paul Cremona. Hu spjega li ra jigi elevat kampjun ta' *fuel* minn tank ta' daqs ta' madwar $27m^2$ li kien jinsab fuq bejt ta' kamra fl-*iscrap yard* liema tank kien allegatament mimli b'tahlita ta' *diesel fuel* misruq ma *light heating oil (LHO)*. Waqt dan l-access Mark Cassar ipprezentalu kampjun ta' *fuel* lu huwa qal li kien mixtri fis-17 u t-18 t' Ottubru, 2008 minghand il-kumpanija Total. Fil-5 ta' Novembru, 2008 hu gie moghti kampjun iehor ta' fuel mis-SOCO PS 74 Mark Chetcuti u li kien ingabar waqt xoghol investigattiv immexxi mill-Ispettur Michael Mallia minn fuq lanca li kienet max-xatt f'Ta' Xbiex. L-analizi kwalitativa uriet illi l-fuels fil-kampjuni kollha huma *diesel fuels* jew possibilment tahlit fejn id-*diesel fuel* huwa l-materjal predomenanti. L-analizi kwantitativa uriet illi l-koncentrazzjoni ta' *diesel fuel* kontenenti fil-*fuel* misjub fit-tank fl-*iscrap yard* ta' Paul Cremona kien 80% u l-koncentrazzjoni ta' *diesel fuel* misjub fil-lanca MFB 8910 kien ta' 90%.

**John Camilleri**[22] xehed in rapprezentanza tal-Kontrollatur ta' Dwana u esebixxa il-*letter to prosecute.* Hu qal li gharaf il-firma tad-Direttur Generali ta' Dwana fuq dan l-istess dokument.

**Connie Azzopardi**[23] xehedet nhar it-30 t' Ottubru, 2012 fejn qalet li kienet qeghda tixhed in rapprezentanza tad-Direttur Generali tal-VAT u esebiet *letter to prosecute* mahruga fit-18 t' Awwissu, 2010. Din l-ittra hija ffirmata minn Paul Scicluna li kien kollega fl-istess ufficju u kienet qed taghraf il-firma tieghu.

**Paul Cremona**[24] xehed nhar it-30 t' Ottubru, 2012 fejn qal li l-proceduri kontrih kienu gew mitmuma u hu kien instab hati tar-reati migjuba kontra tieghu. Quddiem l-Ewwel Qorti qal li kien jaf lill-akkuzati izda mhux in relazzjoni mal-kaz. Mistoqsi rigward il-kaz li kien tressaq hu l-Qorti fuqu, lil min kien jaf huwa qal li lil Pawlu

[22] Fol. 120 et seq tal-process.
[23] Fol. 122 et seq tal-process.
[24] Fol. 126 et seq tal-process.

Attard li jghidulu l-gurdien jew Pawlu l-Pulizija. Kien ilu jafu madwar sena ghaliex kellhom id-dghajjes fejn xulxin. Mistoqsi jekk imexxix impjant ta' riciklagg tal-metal, huwa wiegeb fl-affermattiv. Spjega kif darba Attard kien gablu zewg tankijiet zghar diesel ahmar. Hu qal li ma kienx jaf minn fejn kienu jgibuh, izda lilu kienu jghidulu li kienu jgibuh minn fuq vapur. Jghid li meta gie arrestat, il-pulizija kienet ghamlet tfittxija fl-impjant tieghu u kienu sabulu *diesel* f'zewg tankijiet xi 25,000-il litru. Mistoqsi ghaliex ma kienx xtara dan id-*diesel* mill-pompa, huwa wiegeb ghaliex kien sabu irhas. Jghid li lilu dejjem qalulu li d-*diesel* ma kienx misruq u li kienu qed igibuh minn fuq vapur. Jghid li madwar gimgha/hmistax qabel gie arrestat kien kellmu certu Kevin li kellu bawzer *diesel* u jekk kienx interessat fih. Darba kienu mifthemin izda kienu cemplulu u qalulu li thassar kollox u li l-vapur mhux diehel. Jghid li kien cempillu Pawlu. Jidirlu li darba fuq it-telefon kienu cemplulu izda ma jafx hux Kevin jew Pawlu cempel. Jghid li eventwalment kien il-Gimgha u Kevin kien hadlu l-*fuel* il-gimgha filghaxija bil-lejl. Jghid li kien hemm hu u Kevin u l-bawzer li jidirlu li kien ahmar izda ma jafx ta' liema kumpanija kien. Jghid li hu hallas lil Cassar tal-fuel. Hu gharaf lill-Pawlu Attard quddiem l-Ewwel Qorti. Is-Sibt u cioe' l-ghada hu nizel fejn id-dghajjsa u ra lil Pawlu u saqsih jekk id-*diesel* kienx misruq u dan qallu jien ma naf b'xejn. Jghid li lil Kevin kienu arrestawh u hu kien qal mela dan id-*diesel* misruq. Jghid li d-*diesel* li kien gablu Kevin kien ahmar imma dak li jixtri ssoltu kien abjad. Jghid li Kevin kien jghidlu li kellu tank *diesel* u cioe' madwar 8,000 jew 10,000 litru u jekk dan kienx jinteressah. Imbghad Pawlu kien igorrhom bil-van tieghu. Jghid li l-ammont totali tal-fuel gie ghal aktar minn ghoxrin elf (20,000).

Ikkonferma illi jekk precedentament kien mar Pawlu ghandu b'xi *diesel,* mhux l-istess *diesel* li kien gie rkuprat is-sibt. F'okkazzjonijiet qabel, jghid li hu kien ftiehem ma Kevin u Pawlu kien gabulu. Dan tal-ahhar kien ukoll thallas ghall-istess *diesel.*

**<u>Spettur Michael Mallia</u>**[25] xehed nhar it-30 t' Ottubru, 2012 fejn qal li fit-18 t' Ottubru, 2008, il-pulizija kienet irceviet rapport dwar serq ta' tlett bawzers mimlijin bid-*diesel* minghand id-Diretturi tal-kumpanija Cassar Fuels Ltd. Dan il-*fuel* li kien insteraq kellu

[25] Fol. 148 et seq tal-process.

valur li kien jammonta ghal madwar €40,000 f'ammont ta' 85,000 litru. Minn stharrig li kien sar kien irrizulta li kien hemm tlett bawzers mimlija *diesel* u kienu mahzuna f'garaxx fi Triq il-Kummerc, Qormi u kienu hallew dan il-mahzen imsakkar lejliet. Il-bieb principali li kien bieb kbir tal-hadid, kien thalla bil-luketti mtella minn gewwa. Ma kien irrizulta li kien hemm l-ebda sgass iehor fuq il-post u kien irrizulta wkoll li l-kompjuter jew DVR li kien ihaddem is-sistema ta' CCTV kien gie misruq. Kienu sabu zewg CCTVs ohra, wahda tappartjeni lil certu Emanuel Briffa u ohra lil certu Brian Muscat. Kienu raw il-*cameras* huma fejn minn dak kollu li kien gie kostatat minn dawn il-*cameras,* kien irrizulta li fit-18 t' Ottubru, 2008, fil-hin ta' 00.50am van abjad li wara rrizulta li kien Ford Transit li kien l-istess van li juza t-tifel tad-Direttur tal-Kumpanija, kien gie pparkjat *f'side street* fi Triq il-Kummerc. Dan il-van kien irrizulta li gie misruq f'1.15am u f'1.20am kien jidher l-ewwel bawzer hiereg minn gol-mahzen. Madwar 3.20am deher l-ewwel bawzer jigi rritornat, gie pparkjat izda ma ddahalx fil-mahzen. F'3.32 am gie rritornat il-van l-abjad. Jghid li meta kienu ga bdew l-investigazzjonijiet, Stephen Cassar kien qalilhom li kien sab il-van tieghu mhux ipparkjat fejn kien u li go fih kien sab helmet ahmar u anke xi gmar tas-sigaretti. Fuq din il-vettura ma rrizulta l-ebda sgass. Sussegwentament kienet ukoll infethet inkjesta. Stephen Cassar kien qalilhom li kellu suspett li l-*fuel* jew parti minnu kien ittiehed gewwa mpjant f' Hal Luqa. Cassar kien spjegalhom kif haddiem tieghu stess bl-isem ta' Aaron Cassar beda jisuspetta f'certu Kevin Debono, ex-impjegat taghhom. Dan tal-ahhar kellu konoxxjenza tal-impjanti li hemm f'dawn l-inhawi ta' Hal Luqa. Ma hajt tas-sejjieh fuq il-post innutaw zebgha hamra li kienet tixbah lil tal-bawzers. Kienu ngabru l-kampjuni necessarji u dan minn fejn Metalco Limited li l-propjetarju kien Paul Cremona. Kienu wkoll ittiehdu kampjuni mill-van transit ghall-analizi. Is-sid kien ihalli ic-cwievet fl-*ignition* tal-bawzers minhabba ragunijiet ta' sigurta' kontra nar u affarijiet ohra. Kien waqa' suspett fuq Kevin Debono u dan peress li kien ex-impjegat ta' Cassar u seta' kellu cwievet foloz. Kien irrizulta li Debono kien gie lokalizzat ma antennas fil-vicinanzi propju l-eqreb ma Triq il-Kummerc, Qormi minn fejn insterqu l-bawzers kif ukoll f'antennas ohra li huma l-eqreb ma Valletta Road Luqa fejn kien hemm l-impjanti. Irrizulta li fl-istess hin li gie lokalizzat f'dawn il-postijiet, kellu diversi kuntatti cellulari ma diversi persuni ohra, fosthom ma Paul Cremona. Meta

saret it-tieni tfittxija ghand Cremona kienu nstabu tankijiet tal-*fuel* li kienu mghottija b'diversi debris ta' metal u oggetti ohra. Il-Profs Vella kien anke ha kampjun minn dan l-istess *fuel* ghal analizi ulterjuri. Minn ezamijiet ulterjuri li kienu saru jirrizulta wkoll li fl-istess lejl u fl-istess hinijiet li kien qed isir il-process kollu tat-tehid tal-*bawzers* fejn kienu qed jigu mbattla, kien rrizulta komunikazzjoni regolari bejn Peter Paul Attard, Kevin Debono u Charles Chircop. Dan anke meta Debono kien lokalizzat fejn Metalco ta' Hal Luqa u anke Cassar Fuels Limited. Kienu gew mehuda l-ezamijiet ta' DNA u kienet nstabet postive match bejn id-DNA ta' Chircop u DNA li kienu fuq kampjuni li kien gie mehud mill-istess helmet li kienet instabet fil-van.

**Stephen Cachia**[26] xehed nhar il-5 ta' Gunju, 2013 in rapprezentanza ta' Transport Malta. Il-vettura Ford Transit bin-numru JBL 209 ta' kulur abjad kien registrat fuq Mark Cassar u kienet ilha hekk registrata mill-15 ta' Novembru, 2007

**PS 239 Joseph Caruana, PS 198 Arthur Debattista u PS 404 Paul Camilleri**[27] xehedu nhar il-25 ta' Frar, 2014 fejn qalu li kienu gew mahtura bhala *Scene of Crime Officers* fuq dan il-kaz u kienu ghamlu rapport kongunt. PS 239 kien inkarigat minn xoghol ta' fotografija, PS 198 kellu xoghol ta' *finger prints* u PS 404 kellu *finger prints* u *scene of crime.* Huma kkonfermaw u halfu r-relazzjoni taghhom li kienu ghamlu fl-inkjesta.

**Joseph Zammit**[28] xehed nhar il-25 ta' Frar, 2014 fejn qal li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti sabiex jezamina l-vetturi nvoluti fl-incident. Hu kien ezamina tlett vetturi kbar, bawsers li jgorru l-fuel u ghamel rapport, li gharaf fl-atti u halfu bil-gurament.

**Spettur Anna Marie Micallef**[29] xehedet nhar it-8 t' April, 2014 fejn qalet li dak iz-zmien kienet stazzjonata l-ghassa Sliema u rceviet rapport minn Stephen Michael Cassar li kien ghadu kemm irritorna lura mix-xoghol pero xtaq jaghmel rapport ghal

[26] Fol. 196 et seq tal-process.
[27] Fol. 241 et seq tal-process.
[28] Fol. 243 et seq tal-process.
[29] Fol. 248 et seq tal-process.

rigward illi fil-lejl ta' qabel kien ipparkja Transit bin-numru JBL 209, kien ipparkjat f'Camenzuli Street Sliema u l-ghada filghodu u cioe' dakinhar li sar ir-rapport, x'hin mar biex jigbor il-van sabu pparkjat fl-istess triq quddiem il-garaxx iktar 'l isfel. Dak il-hin ghalkemm kien sorpriz saq ghax-xoghol fejn kien jahdem go garaxx ma missieru go Hal Qormi. X'hin wasal hemm innota li kien hemm bawzers tad-diesel li kellhom ikunu gewwa, izda kienu barra. Kien innota wkoll *crash helmet* u xi rmiet tas-sigaretti fejn il-gear lever. Hu ma kienx mess l-affarijiet u gabu lil tal-forensika fuq il-post.

**<u>Profs Alfred Vella</u>**[30] xehed nhar l-10 ta' Mejju, 2014 fejn qal li kien gie nominat sabiex jaghmel analizi u jirreleta in konnessjoni mas-sejba mill-pulizija ta' *diesel* li kien tat-tip *duty free* li kien konness ma serqa li kienet saret fit-8 t' Ottubru, 2008. Spjega kif kien ghamel access nhar it-3 ta' Novembru flimkien mal-Ispettur Bondin u xi ufficjali ohra tal-pulizija fi *scrapyard* li kienet propjeta' ta' Paul Cremona. Hemmhekk ra jigi elevat kampjun tal-*fuel* fuq bejt ta'kamra f'din l-*iscrapyard*. Kien infurmat illi dan kien tahlita ta' *diesel fuel*, li kien *diesel fuel* mhallat ma *light heating oil* misruq u dan kif kienu qalulu l-pulizija. Waqt l-access huwa gie prezentat b'kampjun minn Mark Cassar fejn dan qallu li kien kampjun ta' *fuel* mixtri fis-17 u t-18 t' Ottubru, 2008 minghand il-kumpanija Total. Fil-5 ta' Novembru, 2008 gie moghti kampjun iehor ta' *fuel* mis-SOCO Mark Chetcuti illi dan kien ingabar waqt xoghol investigattiv fuq lanca MFB 8190 li kienet marbuta f'Ta Xbiex. Jghid li ma kienx prezenti ghall-elevazzjoni ta'dan il-kampjun u mhux infurmat jekk ittihidx quddiem l-akkuzati. Is-*sample* li kien tah Cassar kien fih komposti varji inkluz dye hamra li tintefa' fil-*fuel*. L-analizi saret sabiex tikkonferma li d-*diesels* jikkorispondu fil-kompozizzjoni generali taghhom ma *diesel fuel* u dan kien jirrizulta. Meta ghamel analizi fuq il-kulur, ir-rizultat kien illi l-*fuel* li kien hemm fit-tank kien fih 80% mid-*diesel* li kellu d-*dye* fih originarjament. Filwaqt li f'tal-lanca kien hemm 90% minn dan id-*diesel* jigifieri jekk kien tahlita ta' *light heating oil* ma *diesel fuel* bid-*dye* hamra t-tahlit kien ta' 80% mid-*diesel* bil-kulur ma 20 tal-*light heating oil* prezumibilment u fil-kaz ta' lanca 90% u 10%. Dan mhux *fuel* li johrog fit-triq, dan huwa *fuel* li johrog biss ghall-uzu marittimu. Bhala *gas oil bid-dye* ifisser li fuqu ma jkunx thallas dazzju. Mistoqsi dwar id-*dye*, jghid li din kienet l-istess wahda.

[30] Fol. 258 et seq tal-process.

Jghid li f' tal-lanca kien hemm iktar minn din i*d-dye*. Kien hemm tahlita iktar rikka fil-kompost tas-*sample* li gie moghti lilu mis-Sur Cassar milli fil-kaz tal-bejt tal-*iscrapyard.*

In kontro-ezami mistoqsi ghaliex kien qieghed jikkonkludi li d-*dye* kienet l-istess huwa wiegeb li t-test ma sarx fuq id-*dye* nnifisha imma fuq il-prodotti tad-dekompozizzjoni taghha mal-actu u kif id-*dye* irrejagixxiet u l-assorbiment taghha tar-raggi ultra vjola. Mistoqsi jekk jistax ikollok l-istess kulur ta' *dye* jitfacca f'sitwazzjonijiet ohra jghid li ma jistax jeskludi.

**<u>Mark Cassar</u>**[31] xehed nhar l-20 ta' Mejju, 2014 fejn qal li hu jgorr il-*fuel*, kif ukoll jissuplixxi l-*fuel*. Jghid li ghandu kumpanija bl-isem ta' Cassar Fuels li qeghda Hal Qormi, Triq il-Kummerc. Nhar it-18 t' Ottubru, 2008, filghodu madwar 5.30am kien mar ibnu Stephen Cassar ghac-cwievet biex imur jaghmel il-kulur ahmar ma-fuel. Tah ic-cwievet u xi hames/ghaxar minuti wara cempillu u qallu li kien hemm it-trakkijiet barra. Hu mar fuq il-post u sab it-trakkijiet barra. Qal lit-tifel tieghu ma jmiss xejn u marru jaghmlu rapport l-ghassa ta' Hal Qormi. Jghid li huma jhallu t-trakkijiet gewwa izda xi hadd kien fetah il-garaxx, battlu d-*diesel* minn fuq it-trakkijiet u min hadhom ma kellux hin biex jerga jaghmilhom gewwa u hallihom fit-triq. Jghid li l-ahhar li kienu uzawhom kien il-Gimgha filghaxija. Jghid li l-pulizija marru maghhom fuq il-post u dahlu fil-fond mal-istess pulizija. Hemmhekk indunaw li anke kienu hadu l-kompjuter tal-*cameras*. Spjega li persuna trid tkun ta' certu qatgha sabiex jahdem b'dak it-trakk u semma lil Kevin Debono li kien jahdem mieghu, li qalilhom kif jixgheluh u jbattluh, ghax jekk ma tkunx taf ma tbattlux. Jghid li lejliet filghaxija dahhlu t-trakkijiet kollha u nghalaq il-garaxx. It-trakkijiet kienu mghobbija bil-*fuel*, wiehed kellu 36,000 litru, iehor 24,000 litru u iehor 25,000 litru. Jghid li b'kollox inkluz dazju u VAT kollox gie jiswa €75,000. Dazzju fuq it-tlieta hallas €39,000 u d-diesel kien jiswa €36,000. Jghid li sgass ma kienx hemm, izda t-trakkijiet kienu barra. Spjega kif access ghac-cwievet hu biss ghandu. Il-bawsers imtlew gurnata qabel minn Ras Hanzir. Jghid li lil Peter Paul Attard ma jkellmux u li lil dan jafu bhala pulizija.

[31] Fol. 266 et seq tal-process.

In kontro-ezami jghid li minghand l-Enemalta ha fuel daqs kemm jesa t-trakk.

Mark Cassar[32] rega' xehed nhar it-23 ta' Mejju, 2019 fejn ikkonferma d-dokumenti tad-dwana esebiti mill-Ispettur James Grech.

**PS 516 Alfio Borg**[33] xehed nhar il-25 ta' Frar, 2015 fejn muri fol. 103 huwa qal li dan kien ir-rapport flimkien ma CD u DVD li hu kien ipprezenta quddiem il-Magistrat Inkwerenti u kkonfermah bil-gurament.

**Spettur Gabriel Micallef**[34] xehed nhar il-25 ta' Frar, 2015 fejn spjega illi fit-18 t' Ottubru, 2008 kien Surgent l-Ghassa ta' Hal Qormi u kien ircieva telefonata minghand certu Stephen Michael Cassar fejn kien irraporta li kien insteraq xi *diesel* minn gol-bawzers li kellhom ipparkjati go garaxx fi triq il-Kummerc, Hal Qormi. Hu kien mar fuq il-post, ha l-informazzjoni kollha li kellhom bzonn, infurma lill-Ispettur Malcolm Bondin u hejja rapport li esebixxa quddiem l-ewwel qorti.

**Dr Marisa Cassar**[35] xehedet nhar il-25 ta' Frar, 2015, fejn qalet li kienet nominata fl-inkjesta u li kienet se tipprezenta r-rapport taghha. Hija kkonkludiet illi l-profil tad-DNA li hareg mill-*helmet* kien jaqbel mal-profil genetiku ta' Charles Chircop.

**Anthony Bonnici**[36] xehed nhar it-12 ta' Mejju, 2015fejn qal li huwa ien rapprezentant tas-Socjeta' GO plc. Spjega li Dok MB1 u Dok MB2 huma telefonati *incoming u ongoing* tan-numri tac-cellulari li jidru fil-*headings* stess. Din ir-ricerka jkun ghamilha hu.

**Stephen Cassar**[37] xehed nhar it-12 ta' Mejju, 2015 fejn spjega illi hu jahdem ma kumpanija li ghandha vapur u trakkijiet u nhar it-18 t' Ottubru, 2008 ghall-habta ta' 6.00am kien mar fuq il-vapur, Ras Hanzir sabiex igib xi kulur. Wara mar il-garaxx u

---

[32] Fol. 808 et seq tal-process.
[33] Fol. 314 et seq tal-process.
[34] Fol. 317 et seq tal-process.
[35] Fol. 323 et seq tal-process.
[36] Fol. 367 et seq tal-process.
[37] Fol. 370 et seq tal-process.

sab tlett trakkijiet barra l-garaxx vojta. Spjega li huma kienu hallewhom gewwa u filghodu sabuhom barra. Cempel lil missieru u qallu li ma kienx jaf bihom u cempel ukoll lil Aaron Cassar li kien impjegat maghhom u qallu halli nigi nitawwal jien. Aaron Cassar kien qallu li d-diesel possibilment seta' spicca go post Hal Luqa u hu kien jaf b'dan ghaliex kien qallu Kevin Debono, ex-impjegat li wkoll kien jahdem maghhom. Jghid li kien hemm kompjuters nieqsa, t-tower u evidenza tal-*cameras.* Spjega li kien insteraqlu van minn fejn id-dar u dan ma kienx sabu fejn kien hallih hu qabel u cioe' lejliet kien ipparkja f'kaxxa bajda u meta qam l-ghada sabu quddiem garaxx.. Ic-cwievet ta'dan il-van kellu access ghalihom hu u missieru. Hu kien sakkru l-van u l-ghada filghodu sabu wkoll msakkar. Hu gharaf lil Peter Paul Attard fl-awla, bhala persuna li kienet tigi l-garaxx tkellem lil Kevin Debono. Spjega kif meta marru Hal Luqa fuq il-post li kien qallu Aaron Cassar, sabu z-zebgha mibruxa mal-hajt tas-sejjieh. Aaron kien qalu wkoll li Debono xi granet qabel staqsih jekk kienux mwlew it-trakkijiet minn fuq il-vapur, u hu wiegbu fl-affermattiv. Debono kien joqghod jistaqsi lil Aaron Cassar x'kienu qed jaghmlu u ma jaghmlux u dan meta diga ma kienx jahdem maghhom u kien ilu li telaq xi hmistax jew tlett gimghat. Jghid li Peter Paul Attard kien mar il-garaxx ikellem lil Debono u kien ukoll liebes l-uniformi tal-pulizija. Il-bawzers flimkien jesghu 85,000 litru u sabiex jitbattlu irid ikun bniedem esperjenzat u bicca ghodda li tkun mal-bawzer.

Stephen Cassar[38] rega' xehed nhar l-20 t' Awwissu , 2020 fejn muri fol 798, 799 u 800 hu qal li dawn dokumenti li sar transfer ta' prodott minn fuq il-vapur ghal fuq it-trakkijiet. Hu gharaf ukoll il-firma tieghu

**Joseph Mallia**[39] xehed nhar id-9 ta' Settembru, 2015 fejn qal li hu kien gie mahtur sabiex jiehu xi impronti digitali u nnominatu biex jaghmel l-ezami komparattiv li kien gie awtorizzat jirtira mill-atti. Spjega li kien hemm impronti digitali li huma tajbin ghall-komparazzjoni u ohrajn li ma kienux. Dawk li kienu tajba ghal komparazzjoni, l-ebda impronta ma kienet taqbel mal-imputati.

---

[38] Fol. 899 et seq tal-process.
[39] Fol. 372 et seq tal-process.

**<u>Dr Reno Borg</u>**[40] xehed nhar l-20 t' Ottubru, 2015 u kkonferma r-rapport tieghu li jinsab fl-inkjesta.

**<u>Spettur Malcolm Bondin</u>**[41] xehed nhar it-12 ta' Jannar, 2016 fejn qal li nhar it-18 t' Ottubru, 2008 kien stazzjonat l-ghassa Qormi u ghall-habta ta' 7:45am kienu rcivew rapport minghand Mark Cassar illi meta mar biex jiftah il-garaxx tieghu bl-isem Cassar Fuels fi Triq il-Kummerc, Qormi sab tlett bawzers li juza fit-tqassim tal-*fuels*, ipparkjati barra, meta dawn suppost kienu msakkrin gewwa. Ftit minuti wara hu mar fuq il-post fejn tkellem ma Mark Cassar u qallu x'kien qed jisuspetta. Ma kienx hemm sgass u Cassar beda jisuspetta jew li xi hadd kellu cavetta falza jew kien stahba hemm gew sakemm sakkru huma. Kienu gew identifikati u elevati numru ta' CCTV cameras. Hu flimkien ma SOCO PS516 Alfie Grixti nnutaw li f'12: 50hrs kien deher van abjad tal-marka Ford Transit, illi wara kien irrizulta li kien tat-tifel tas-sid li kien dahal rapport li wkoll kien gie misruq. F'01.15hrs innutaw persuna tigri u hames minuti wara nnutaw il-bawzers hergin. Sussegwentament dawn il-bawzers irritornaw lura f' 3:20hrs, 3:40hrs u 4:00hrs. Hu kien informa lill-Ispettur Michael Mallia b'dan kollu u dahal ukoll sabiex jassisti. Meta tkellmu ma Mark Cassar u ibnu, dawn wrew suspett f'ex-impjegat taghhom Kevin Debono. Dan tal-ahhar kien gie arrestat u minn investigazzjonijiet waslu ghal fejn kien tbattal il-bawzer f'Metalco, Hal Luqa. Mill-*call profiles* ta' Kevin Debono u Paul Cremona beda jaslu ghal nies li setghu kienu nvoluti. Peress li Peter Paul Attard kien pulizija, kienu jafu n-numru tieghu u talbu ghal call profile tieghu mill-Vodafone. Sussegwentament hu hadem *time-line* tal-*call profiles* u *localization* fejn kienu qeghdin.

**<u>Demaris Agius</u>**[42] xehedet nhar it-12 ta' Jannar, 2016 fejn qalet li f'2008 kienet tahdem il-*Legal Department* tal-Vodafone, fejn kienet tohrog id-dettalji tal-*mobile numbers* u informazzjoni li kienu jibghatu l-pulizija. Hi giet mitluba taghti dettalji ta'

[40] Fol. 419 tal-process.
[41] Fil. 429 et seq tal-process.
[42] Fol. 443 et seq tal-process.

registrazzjoni ta zewg numri, kif ukoll call profile u localization bejn is-17 u t-18 t' Ottubru 2008 ta' hames numri. Hija kkonfermat il-firma taghha fuq Dok MB u spjegat fiex jikkonsistu ezatt minn Dok MB1 sa Dok MB5.

**PS 74 Mark Anthony Chetcuti**[43] xehed nhar is-16 ta' Frar, 2016 fejn spjega illi nhar il-5 ta' Novembru, 2008 kien gie msejjah mill-Magistrat Doreen Clark sabiex jassistiu lill-Ispettur Michael Mallia, kif ukoll lill-Ispettur Malcolm Bondin u lil PS 90 gewwa Ta' Xbiex Seafront, sabiex jiehdu xi kampjun minn go dghajsa bin-numru MFB-910. Hu acceda fuq il-post flimkien ma PC 453 li ha hsieb il-fotografija u tella' kampjun minn got-tank tad-dghajsa. Il-kampjun ghalqu dak il-hin stess u ssigillah u ghaddieh lil Profs Alfred Vella fuq il-post.

**PC 453 Brian Cassar**[44] xehed nhar is-16 ta' Frar, 2016 fejn qal illi nhar il-5 ta' Novembru, 2008 kien gie msejjah mill-Ispettur Michael Mallia bil-hatra tieghu bhala espert tal-fotografija ghall-parti mill-inkjesta tal-Magistrat Doreen Clark. Hu acceda fuq il-post flimkien ma PS 74 Mark Anthony Chetcuti, fuq dghajsa li kien hemm sorguta gewwa s-Seafront ta' Ta' Xbiex. Hu kien ha xi ritratti fuq il-post li pprezenta flimkien mar-relazzjoni tieghu quddiem l-ewwel qorti.

**Dr Martin Bajada**[45] xehed nhar l-24 t' Awwissu, 2016 fejn qal li kellu jaghmel ezami komparattiv bejn call profiles esebiti minn Dok MB sa Dok MB5 u esebixxa r-relazzjoni tieghu.

Dr Bajada[46] rega xehed nhar il-11 t' April, 2019 fejn qal li kien gie nominat sabiex johrog il-kontenut minn seba' cellulari. Hu ezaminahom u hareg il-kontenut minn fuqhom u ghadda koppja digitali tar-rapport lill-partijiet.

---

[43] Fol. 450 et seq tal-process.
[44] Fol. 456 et seq tal-process.
[45] Fol. 483 et seq tal-process.
[46] Fol. 613 et seq tal-process.

**Paul Scicluna**[47] xehed nhar it-8 ta' Marzu, 2018 fejn ipprezenta l-*letter to prosecute* iffirmata minnu fil-konfront ta' Peter Paul Attard u Carmel Chircop.

**Anthony Zammit**[48] xehed nhar it-30 t' Awwissu, 2018 fejn ikkonferma li d-dazzju tas-sisa u l-VAT fuq il-*letter to prosecute* kienu korretti u cioe' €28,090 u €11,573 rispettivament.

**Aaron Cassar**[49] xehed nhar it-8 ta' Novembru, 2018 fejn qal li fl-2008 hu kien jahdem bhala xufier ta' bawzer ta' trakk f'Hal Qormi. Spjega li kien il-Gimgha, kien xufier wahdu u l-imghallem baghtu bi trakkijiet jimla d-*diesel.* Is-Sibt filghodu kien cempillu l-imghallem u qallu li kienu serqulhom it-trakkijiet bid-*diesel.* Hu wasal hdejh xi 7.45am/8am u sabu hames trakkijiet bla *fuel* ipparkjati barra. Qal li certu Kevin li kien jahdem maghhom kien dejjem jghidlu sabiex jisirqu d-*diesel*, izda hu qatt ma accetta. Habib ta' Kevin kien Pawlu, li huwa gharaf quddiem l-ewwel qorti. Kevin kien jahdem bhala xufier bhalu u kien bicca wahda mat-tifel tal-imghallem Stephen Cassar. Kevin kien cempillu l-gimgha filghaxija u staqsih jekk kienx hemm xoghol ghada, jekk hemmx xoghol bil-lejl u jekk kienx ser ikun mal-imghallem l-ghada. Hu ma tax kasu u ma ghaddielux minn mohhu li ser jinsterqu t-trakkijiet.

**L-Ispettur James Grech**[50] xehed nhar it-23 ta' Mejju 2019 fejn ipprezenta dikjarazzjonijiet tad-dwana li kien ghamel referenza ghalihom Mark Cassar figward id-diesel li kien hemm fit-trakkijiet CG203, HBA162 u EBF205 u li sussegwentament gie misruq. Hu pprezenta wkoll quddiem l-ewwel qorti rcevuti ta xi oggetti li kienu gew elevati minghand Kevin Debono, Attard u Chircop matul l-investigazzjoni.

L-Ispettur James Grech[51] rega' xehed nhar l-20 ta' Frar, 2020 fejn ikkonferma li z-zewg stqarrijiet ta' Kevin Debono gew mehuda fis-sena 2008.

---

[47] Fol. 556 et seq tal-process.
[48] Fol. 576 et seq tal-process.
[49] Fol. 596 et seq tal-process.
[50] Fol 798 et seq tal-process
[51] Fol. 884 tal-process.

**Kevin Debono**[52] xehed nhar it-23 ta' Mejju, 2019 fejn qal li kien jahdem ma Cassar Fuels u meta sar l-incident mertu ta' dawn il-proceduri huwa ma kienx ghadu jahdem hemm. Qal li kien dahal xufier gdid u hu kien dahal u hareg it-trakk. Bhala data tal-incident ma jiftakarx u jghid li hu ma trakk wiehed kellu x'jaqsam u ma jafx x'kien hemm u ma kienx hemm. Jghid li l-bieb sabu miftuh u l-bawzer kien barra. Jghid li hu jaf lil Pawlu ghax mill-Gzira u lill-ohrajn jafhom imma ma jafx x'jisimhom, minn meta kellu l-hanut. Jghid li ma ghandux rabtiet ma Manoel Island, rabtiet ma dghajjes ma ghandux. Qal li ma jiftakarx li ltaqa' ma Pawlu Manoel Island u mistoqsi qattx iltaqa' mieghu Ta' Xbiex wiegeb fin-negattiv. Jghid li ma jafx min hu Paul Cremona/Pawlu tal-Metalco u ma jiftakarx li ltaqa' mieghu. Hu jiftakar li kien ha bawser Hal Luqa, izda ma jiftakarx li ltaqa' ma Cremona u jekk jarah illum mhux ser jaghrfu. Mistoqsi x'konnessjoni kellu ma dawn in-nies jghid li ma jafx. Jghid li ma jiftakarx li kellu konnessjoni mal-akkuzati. Ma jiftakarx li kkuntatja lill-imputati jew li kkuntatjawh. Meta xehed qal li ma jiftakarx xi trid taghmel sabiex tbattal bawser. Muri dokumenti fejn hemm telefonati  li saru matul il-lejl li kienet sehhet is-serqa u ghalkemm gie mistoqsi jekk kienx skambja telefonati ma Pawlu l-pulizija hu stqarr li ma kienx jiftakar. Jghid li ma kienx jiftakar li f'f'dak il-lejl hu ltaqa ma Charles Chircop u lanqas kellu idea min kienet din il-persuna. Lanqas ma ftakar li mar Hal Luqa ghand Pawlu tal-Metalco.

Kevin Debono[53] rega' xehed nhar is-27 ta' Frar, 2020  fejn giet moqrija t-tieni stqarrija li Debono kien irilaxxa mill-Ufficjal Prosekutur. Debono tenna li fl-ewwel stqarrija ma kienx qal il-verita' ghax beza. Hu spjega li hu ma kienx ha l-*fuel* kollu hu u kollox kien beda meta darba cempillu Aaron Cassar sabiex imur mieghu ma Mark, Stephen u l-gharus tat-tifla ta' Mark sabiex jieklu l-fniek u biex jakkwistaw naqra *diesel* u qallu sabiex ma jitlifx din l-opportunita'. Hu b'dan assuma li kienu se jiehdu xi *diesel* minghand tal-imghallem Mark u baqghu li din il-bicca xoghol kellha ssir il-Gimgha ta' gimghatejn wara. Jiem wara avvicinawh Charlie l-Beqqu u Pawlu Attard il-pulizija

[52] Fol. 810 et seq tal-process.
[53] Fol. 872 et seq tal-process.

li kienu jghidulu l-gurdien fejn tawh informazzjoni dwar dak li kellu jaghmel. Chalie kien qallu li xogholu kien ser ikun kemm jiehu l-bawzer diesel minn Qormi sa Luqa ghand Pawlu tal-Metalco u jnizzel il-bawzer lura Qormi. Kienu regghu kellmuh u Pawlu inkorragih li jaghmilha sabiex jaqla' lira tajba. Meta kkonvincih qallu sabiex ma jmurx lura minn kelmtu u ma jghid lil hadd. Hu gie moghti struzzjonijiet sabiex imur jistenna fejn id-dar ta' Pawlu u beda jistenna fil-vettura tieghu. Gie l-van tal-imghallem tieghu Stephen *double parking* mieghu, u xi hadd liebes balaklava sewda u beritta bajda qallu sabiex jirkeb mieghu. Dan il-persuna ma kellmux u waqfu fejn il-garaxx ta' Mark. Hargulu l-bawzer u qabad it-triq ghal ghand Pawlu tal-Metalco. Dan tal-ahhar cempillu u qallu li kien kwazi wasal. Dahal u battal id-*diesel* ghand Pawlu. Waqt li kien qieghed hemm cempillu xi hadd li ma qallux min kien u beda jfehemhom x'ried jaghmel sabiex ihott il-bawzer. Chalie l-Beqqu qallu li xi hadd kien ser jigbru minn  fejn it-*tower crane* hdejn il-Metalco. Kienu gew ghalih zewg persuni li hu ma kienx jaf. Saqu u waqqfu fejn il-grada tac-Caqqnu. Kien hemm *bawzer* li beda jidher fit-triq u qabbdilhom il-manka kif suppost ghaliex qabbduha hazin.  Minn hemm saquh lura ghal Hal Luqa ghal ghand il-Metalco. Meta tbattal il-bawzer hu rega' qabad it-triq ghal Hal Qormi. Jghid li minn hemm, l-istess persuna li kien mar ghalih bil-van ta' Stephen rega' waslu bl-istess van fejn il-van tieghu u baqa' sejjer direzzjoni tas-Savoy. Jghid li ghal dan kollu huwa kellu jithallas €1,000, izda baqa' ma thallasx ghaliex Pawlu kien qallu ghal dak li seta' jehel kellu kollox imhallas. Pawlu qallu wkoll sabiex ma jammetti xejn imbghad jiehdu ghand l-avukat u jirrangalu kollox hu. Hu pprovda wkoll in-numru li Pawlu beda jcempillu minnu. Qal li hu u Pawlu skambjaw diversi telefonati ghaliex Pawlu kien qed jiehu hsieb dak kollu pjanat jew kien jaf kollox x'inhu ghaddej. Semma illi apparti Pawlu, Chalie l-Beqqu u Pawlu tal-Metalco kellhom x'jaqsmu ma din is-serqa. Jghid li kellu diversi kuntatti bil-mobile ma Chalie l-Beqqu meta marru ghalih Hal Luqa biex imur ihaddmilhom l-bawzer ghand ic-Caqnu. Madankollu, fil-lejl tas-serq ma ltaqax mieghu.

Debono wara li nqara dan qal li ma jiftakarx u li ma kienx joqghod Bormla. Mistoqsi jekk hux jara lil Pawlu l-gurdien quddiem l-ewwel qorti, l-ewwel darba hu wiegeb li

ma jafx, mbghad meta rega' gie mistoqsi qal li mhux hu. Huwa gharaf lil Pawlu bhala persuna mill-Gzira, izda mhux li jafu. Kompla billi qal li lil Chalie l-Beqqu hu ma jafux

Sussegwentament inqrat ukoll l-ewwel stqarrija ta' Debono datata id-19 ta' Ottubru, 2008 fejn kien qal li ma jaf xejn dwar is-serqa. Spjega li precedentament kien jahdem ma Mark u Stephen u ddeskriva x-xoghol li kien jaghmel. Kien ilu ma jitkellam ma Mark u Stephen minn l-ahhar gurnata li hu kien hadem u ma kienx cemplilhom wara. Hu kien qal li l-Gimgha hu kien dahal id-dar fis-7.00pm u ma regax hareg qabel 6.00am. Qal ukoll li kien cempel lil Pawlu Attard sabiex jara hemmx hut il-pixkerija. Hu sar jaf li nsterqu tlett bawzers mill-pulizija. Jghid li hu qatt ma kellu c-cavetta tal-post fejn kien jahdem u zgur qatt ma ghamel kopja. Stqar illi meta kien ghadu hemm hu ma kienx hemm *carmeras*. Kien qal ukoll li l-ammont ta' 85,000 litru probabbilment mar fuq il-bahar.

Rinfaccat b'dan kollu huwa ma kkonfermax l-indirizz izda kkonferma l-kontenut.

**<u>Noel Massa</u>**[54] xehed nhar il-31 t' Ottubru, 2019 fejn qal illi dak iz-zmien kien pulizija ma l-Ispettur Michael Mallia s-CID u kellu n-numru PC1247. Fid-dokumenti JG4 u JG5 gharaf il-firma tieghu fejn kien gie elevat *mobile* minghand Carmel Chircop, kif ukoll *camera* Pentax minghand Peter Paul Attard u mobile li kien jappartjeni lil Kevin Debono.

Ikkunsidrat,

Illi preliminarjament din il-Qorti tghid illi l-istqarrijiet tal-appellant gew mehuda fis-sena 2008 u cioe' fi zmien fejn akkuzat ma kellu l-ebda dritt ghall-assistenza legali. Illi fil-prezent il-gurisprudenza hija cara u cioe' illi kwalunkwe stqarrija li giet rilaxxata qabel is-sena 2010, hija inammissibli u ghandha tkun skartata mill-atti processwali u dan stante li l-ligi ma kienet tipprovdi xejn dwar l-assistenza legali tal-akkuzati ghal qabel jew waqt l-interrogazzjoni. Ghaldaqstant din il-Qorti, bhal l-Ewwel Qorti

[54] Fol. 848 et seq tal-process.

qabilha, mhux ser tiehu konjizzjoni tal-istqarrijiet tal-appellant u dan stante ghar-ragunijiet moghtija *supra* huma inammissibbli.[55]

In oltre, fir-rigward ta' l-istqarrijiet ta' Kevin Debono, din il-Qorti hija tal-istess fhema. Madankollu, dawn gew ipprezentati quddiem l-ewwel qorti fis-sena 2020, meta l-eccezzjonijiet dwar ammissibilta' *o meno* tal-istqarrijiet kienu diga' qed jigu mressqa quddiem il-Qrati taghna. Din il-Qorti tinsab perplessa kif fl-ewwel lok l-ewwel qorti awtorizzat li jigu pprezentati dawn l-istqarrijiet u fit-tieni lok kif id-difiza ma ghamlitx talba formali ghall-isfilz stante l-inammissibilta' taghhom. Illi kieku jezistu biss l-istqarrijiet fl-atti, din il-Qorti, kif diga' rreteniet, kienet tiskartahom kompletament. Izda, gara illi wara li x-xhud Kevin Debono gie ddikjarat bhala xhud ostili, il-prosekuzzjoni prezentat dawn l-istqarrijiet u sussegwentament regghet tellghet lil Debono jixhed u qrat l-istess stqarrijiet lilu . Ghalhekk dawn l-istqarrijiet jinsabu riprodotti fix-xhieda li ta x-xhud Kevin Debono nhar is-27 ta' Frar, 2020. Ghaldaqstant filwaqt illi l-istqarrija nnifisha hija inammissibbli, mhux l-istess jista' jinghad ghall-ahhar testimonjanza ta' Debono li tinkludi verbatim il-mistoqsijiet u t-twegibiet ta' l-istess stqarrijiet. L-istqwarrija illum hija ix-xhieda li ta Kevin Debono viva voce quddiem;l-appellant.

Illi fatti li rrizultaw minn dan il-process *in breve* huma li gew misruqa tlett bawzers mimlija bil-fuel ghad-dannu ta' Cassar Fuels Limited li ghandha l-garaxx taghha gewwa Triq il-Kummerc, Hal Qormi. Dawn il-bawzers instabu pparkjati barra l-garaxx mbattla mil-*fuel*, sinjal ta' sgass ma kienx hemm fil-garaxx izda giet misruqa wkoll is-sistema tal-*cameras*. Irrizulta illi parti minn dan il-*fuel* nstab gewwa l-Metalco Hal Luqa, ta' liema Paul Cremona kien il-propjetarju'. Dan tal-ahhar, kif ukoll Kevin Debono kienu tressqu l-Qorti in konnesjoni ma din is-serqa u nstabu hatja. Dawn iz-zewg persuni ingiebu wkoll bhala xhieda tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz.

[55] Ara fost ohrajn **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Borg** deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-5 ta' Settembru, 2024; **Ir-Repubblika ta' Malta vs James Vella et** deciza mill-Qorti Kriminali nhar is-17 t'Ottubru, 2024.

Illi din il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant/appellat Peter Paul Attard. Permezz tal-ewwel aggravju tieghu jghdi illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti. Jsostni illi dan hu kaz ibbazat fuq provi cirkostanzjali u fuq ix-xhud Debono. Ikompli billi jghid illi l-provi migjuba ma jhallux serhan ir-rar tal-gudikant li Attard kien involut, anzi l-provi indizzjarji qed juru bil-maqlub.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel ri-assunt tal-provi migjuba fil-konfront t' Attard. Pawlu Cremona xehed illi jaf lil Attard bhala pulizija u mlaqqam il-gurdien, filwaqt li jghid li darba l-appellant kien hadlu zewg tankijiet *fuel*, jghid li fir-rigward ta' dan il-kaz hu kien kellem lil Kevin u qal li darba fuq it-telefon ma kienx jaf hux l-appellant jew Kevin li kien qed ikellmu. Il-Profs Vella xehed illi hu kien prezenti meta ttihed is-*sample* mill-*iscrapyard*, izda gie mghoddi *sample* minghand Mark Cassar u sample iehor minghand is-SOCO ta' *fuel* li kien ittihed minn fuq lanca. L-analizi saret sabiex tikkonferma li d-diesels jikkorispondu fil-kompozizzjoni generali taghhom ma *diesel fuel* u dan kien jirrizulta. Madankollu, kien hemm varjanza fid-*dye* bejn is-*sample* li ttiehed mill-*iscrapyard* u dak li ttihed minn fuq il-lanca. Mark Cassar xehed illi ma jkellmux lill-appellant u Stephen Cassar qal li darba minnhom l-appellant mar ikellem lil Kevin il-garaxx taghhom u kien liebes l-uniformi ta'pulizija. Illi minn analizi tax-xhieda tas-*service providers* u r-relazzjonijiet tal-espert Martin Bajada jirrizulta illi nhar is-17 u t-18 t' Ottubru, 2008 saru diversi telefonati, fosthom bejn Pawlu Cremona u l-appellant, kif ukoll numru ta' telefonati bejn l-appellant u Kevin Debono. Fost it-telefonati skambjati bejn l-appellant u Debono kien hemm dawk li anke saru fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Din il-Qorti nnutat ukoll il-*localizations* ta' l-istess telefonati. Aaron Cassar xehed illi Pawlu kien habib ta' Kevin li kien jahdem maghhom u Kevin kien cempillu l-gimgha filghaxija u cioe' lejliet is-serqa u staqsih jekk kienx hemm xoghol ghada, jekk hemmx xoghol bil-lejl u jekk kienx ser ikun mal-imghallem l-ghada. Kevin Debono kien evaziv u beda jghid li ma beda jiftakar xejn quddiem l-ewwel qorti, madankollu fl-ahhar mill-ahhar huwa kkonferma l-kontenut tal-istqarrijiet tieghu li nqrawlu quddiem l-ewwel qorti u ghalhekk jaghmlu parti mix-xhieda tieghu. Debono spjega l-involviment tal-appellant fid-dettal

u kif dan kien qed jiehu hsieb kollox jew kien jaf kollox x'inhu ghaddej. Debono anke elabora illi kien l-appellant li hajru jaghmel din is-serqa sabiex jakkwista lira tajba u anke kien weghdu €1000 tal-involviment tieghu.

Illi dwar l-ammissibilta' o meno tal-istqarrijiet ta' Debono, din il-Qorti diga' pprovdiet il-fhema taghha *supra.* In oltre, l-appellant isostni illi stqarrija taghmel prova biss kontra min jaghmilha, madankollu kif diga gie ritenut, l-istqarrijiet ta' Kevin Debono llum jaghmlu parti mix-xhieda ta' Kevin Debono. Minkejja li dan tal-ahhar huwa meqjus bhala ko-akkuzat skond il-ligi, il-proceduri kontrih intemmu f'2008 u ghalhekk setgha jiddepponi, kif ghamel, quddiem l-ewwel qorti.

Huwa minnu illi Kevin Debono ma kienx xhud kwalunkwe, fis-sens illi l-Ewwel Qorti, meta tigi biex tqis ix-xhieda tieghu kellha **timxi b'kawtela kbira**[56] billi dan kellu x'jaqsam ukoll mas-serqa mertu tal-kaz u li dwaru l-appellant qed jiffaccja l-akkuzi odjerni. Illi permezz ta'l-introduzzjoni tas-sub-inciz 3 ghall-Artikolu 639 permezz ta' l-Att XVI tal-2006, ma hemmx aktar il-htiega illi x-xhieda tal-komplici tkun korroborata izda wahedha hija bizzejjed diment illi l-gudikant jimxi b'kawtela kbira qabel ma jigi biex jistrieh fuqha sabiex isejjes sejbien ta' htija. Dan ghaliex:

> *"Din hija xhieda permessa bil-ligi, u sta ghall-Qorti li qed tisma' l-kaz li tqis din ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz li tkun qed tittratta. Din il-Qorti ma tarax li, bil-fatt biss, li xhieda ta' komplici hija permessa qed jinkiser id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq. Komplici hija persuna li tista' titressaq bhala xhud bhal kull persuna ohra, basta, ovvjament, li l-akkuzat ikollu l-istess possibilita' ta' kontroll jew kontestazzjoni tal-persuna, kif ghandu f'kaz ta' kwalunkwe xhud iehor. Il-ligi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-kaz kontra akkuzat tkun bazata biss fuq xhieda ta' komplici, min ikun irid jiddeciedi fuq il-htija, iqis dik ixxhieda b'certa kawtela …. Ma jistax, pero', jinghad li xhieda ta' komplici hija, a priori, mhux permessibbli. Dik hija testimonjanza ta' persuna li,*

[56] Enfgazi ta din l-onorabbli qorti

*minhabba listat taghha ta' komplici, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-kaz, u ma ghandhiex tigi eskluza minhabba f'hekk. Il-principju ta' "equality of arms", ma jkunx gie mittiefes bil-fatt li tali xhieda tkun permessibbli, ghax dan ix-xhud huwa suggett ghall-iskrutinju miz-zewg nahat kif isir fil-kaz ta' kull xhud iehor. Ilkaz li x-xhieda ta' komplici tista' tkun "tainted" minhabba varji cirkostanzi, tista' tinghad fil-konfront ta' kull xhud, u l-Qorti li quddiemha jkun ghaddej ilkaz, hija zgur kompetenti biex tevalwa x-xhieda, tqis l-affidabilita' tax-xhud, u tikkunsidra dik il-prova fid-dawl tal-provi l-ohra tal-kaz."*[57]

Illi l-appellant Attard, permezz tal-ewwel akkuza gie akkuzat bir-reat tal-komplicita' fis-serqa mertu ta' din il-kawza.

L-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti dwar ir-reat tal-komplicita':

*"42. Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija –*

*(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew*

*(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*

*(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew*

*(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil- paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi taddelitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*

[57] Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonal) – **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri** deciza 25/05/2012 (ref.66/2011)

*(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara lfatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis, Jason Galea**[58] kienet qalet hekk:

*'Issa l-figura tal-komplici hija ta "dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa … jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex jghinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, anke min ikun qieghed jghinhom fit-twettiq tas-serqa per ezempju billi joqghod ghassa barra. …. Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel." .... Ma hux necessarju illi lkomplici jkun prezenti fuq ix-xena tad-delitt basta li jkun offra dik lghajnuna bi ftehim minn qabel.'*

Illi ghalhekk jrid jigi sodisfacjentement ippruvat mill-Prosekuzzjoni li f'dan il-kaz l-appellant (i) kien jaf li l-awtur, kien ser iwettaq id-delitt, u (ii) li hu deliberatament ghen lil biex hekk twettaq id-delitt, u dan billi għamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-imsemmi artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Ghaldaqstant, in vista tal-provi cirkostanzjali u x-xhieda ta' Kevin Debono, din il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, l-ewwel qorti kienet korretta li sabet lil Peter Paul Attard hati, izda mhux bhala ufficjal pubbliku u cioe' pulizija.

[58] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar il-31 ta' Mejju, 2017.

Illi permezz tat-tieni akkuza l-appellant kien akkuzat bl-assocjazzjoni tal-istess serqa. Illi f'dan il-kaz l-att materjali jikkonsisti mhux daqstant fit-twettiq tar-reat li dwaru sar l-assocjazzjoni, izda fil-ftehim bejn tnejn jew aktar minn nies bil-ghan li jigi kommess delitt anke jekk dak id-delitt finalment qatt ma jigi mwettaq ghal xi raguni jew ohra. Il-ftehim fih innifsu allura iwassal ghal konsumazzjoni tar-reat.

L-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti:

> *'48A. (1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.*
>
> *(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.*
>
> *(3) Kull min jinsab ħati ta' assoċjazzjoni taħt dan l-artikolu jista' jeħel il-piena għal delitt ikkunsmat li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, mnaqqsa b'żewġ gradi jew tlieta.*
>
> *(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (3), sabiex tiġi stabbilita l-piena għar-reat sħiħ li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha li jaggravaw dak ir-reat.'*

Illi in vista ta'dak kollu ritenut rigward l-akkuza tal-komplicita' jghodd ukoll ghal din it-tieni akkuza tal-assocjazzjoni u ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel qorti fejn sabet lill-appellant Attard hati. Madankollu, ticcara illi f'dan ir-rigward, bhal-ewwel akkuza, l-appellant mhux qed jinstab hati bhala ufficjal pubbliku u cioe' pulizija.

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tiddeciedi dwar it-tielet akkuza u cioe' dwar r-reati assocjati mal-ksur tal-Ordinanza dwar id-Dwana, L-Att dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud u l-Att dwar is-Sisa, fit-tielet aggravju.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel aggravju kif imressaq mill-appellant Peter Paul Attard.

Permezz **tat-tieni aggravju** tieghu, l-appellant Attard qed jishaq dwar l-irregolarita tal-*letter to prosecute* hekk kif mahruga mid-Dwana u l-VAT u dan stante ghaliex ma gewx mahlufa minn min irilaxxahom.

Illi primarjament jinghad illi l-*letter to prosecute* tal-VAT giet ikkonfermata minn Paul Scicluna fejn gharaf il-firma tieghu meta tela' jixhed bil-gurament nhar it-8 ta' Marzu, 2018 u anke prezenta kopja tal-istess *letter to prosecute.*[59]

Illi b'referenza ghal Dok JC,[60] u cioe' il-*letter to prosecute* tal-kontrollatur tad-dwana, huwa minnu illi din ma gietx mahlufa minn min iffirmaha. F'dan il-punt din il-Qorti jidrilha illi huwa opportun li taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Vella**,[61] fejn saret referenza ghall-sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mandy Mallia**[62] u fejn gie ritenut hekk dwar il-*letter to prosecute*:

> *'6. Illi preliminarjament, din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud liema dispożizzjoni tal-Liġi taqra bis-segwenti mod:*
>
> *Ma għandhom jinbdew ebda proċedimenti taħt din it-Taqsima ħlief* ***minn jew bil-permess tal-Kummissarju****, u dawk il-*

[59] Fol. 125 u 558 tal-process.
[60] Fol. 124 tal-process.
[61] Deciza minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta nhar it-23 ta' Mejju, 2023.
[62] Deciza mill-Qorti tal-Appel Kriminali nhar l-20 ta' Dicembru, 2022.

*proċedimenti hekk mibdija jistgħu f'kull żmien qabel is-sentenza finali jiġu rtirati fuq talba tal-Kummissarju.*

*7. Minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-Liġi, jirriżulta li dak li l-Leġislatur kellu f'moħħu huwa li l-proċeduri penali taħt l-imsemmi Att jibdew biss fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi. Dan ikun ifisser li l-proċeduri penali għal ksur tad-dispożizzjonijiet taħt dan il-Att, ma jistgħux jinbdew ex officio mill-Pulizija sakemm ma tkunx qabel saret talba f'dan is-sens skont id-dettami tal-Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta.* ***Fil-prattika, din it-talba tissejjaħ 'letter to prosecute' u titqies li hija l-bażi tal-każ tal-Prosekuzzjoni hekk kif l- Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 ma jagħti lok għall-ebda interpretazzjoni ħlief dik li jirrikjedi 'letter to prosecute' sabiex jiġu istitwiti l-proċeduri penali taħt l-imsemmi Att skont il-Liġi.***

*8. Ikun għalhekk isegwi illi dik ikkontemplata fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta mhix sempliċement formalita' iżda hija rekwiżit li tirrikjedi l-Liġi għall-validita' tal-proċeduri taħt dan il-Att.* ***Din il-Qorti tqis ukoll li l-Liġi ma tispeċifikax x'għandu jkun fiha l-'letter to prosecute' ħlief li min-natura tagħha din għandha tikkonsisti f'talba sabiex jinbdew proċedimenti penali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 406.'***

*Din il-Qorti tghid illi fliet iz-zewg dokumenti u cioe' il-letter to prosecute immarkata bhala Dok VAT esebita a fol. 17 et seq tal-process u Dok JC1 esebita a fol. 32 et seq tal-process. F'Dok VAT fil-lista tax-xhieda hemm indikati 'l-Kummissarju tal-VAT jew rapprezentanti tieghu', filwaqt li fil-lista tax-xhieda ta' Dok JC1 hemm indikati:*

*'Ufficjali tad-Dwana: Anthony Bonello*

*John J. Sammut*

*A Calleja*

*N. Cesareo*

*Ufficjal Valutazzjoni tad-Dwana*

*Rapprezentant mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud*

*Ufficjali tal-Pulizija.'*

***Ghaldaqstant kif jista' jigi nnutat, sa mill-bidu net qatt ma kienet l-intenzjoni li jixhdu dawk li ffirmaw il-letter to prosecute b'mod specifiku ghaliex kieku kienu jigu specifikati fil-lista tax-xhieda. Il-ligi ma tipprovdix xi jrid ikun fiha ezatt il-letter to prosecute izda huwa desiderabbli li min jiffirma dokument, ikun hu li jikkonfermah bil-gurament u dan anke stante l-best evidence rule.*** *Madankolu, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Julian Cutajar***[63] *gie ritenut hekk dwar ir-regola tal-best evidence u l-interpretazzjoni tal-istess:*

*'Il-"best evidence rule" hija riprodotta fil-Ligi taghna fl- Artiklu 638 tal-Kap 9 fejn is-sub Artiklu 1 jghid: "Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti". Dan l-Artiklu jibda bil-kliem,* ***"Bhala regola", dana ma jfissirx illi ghandu jsir hekk kull darba illi l-Prosekuzzjoni jkollha xi provi izda jkun desiderabli illi jsir hekk.*** *Jekk il-Prosekuzzjoni zzom lura xi prova ghal xi raguni jew ohra dana jista jippregudika biss l-kaz taghha, pero' ma jfissirx illi b'daqshekk m'ghandiex taghti kaz il-provi l-ohra li tkunu gabu. Ghalhekk jekk il-Prosekuzzjoni jidhrilha illi mill-*

[63] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Settembru 2012.

*provi li resqet ghandha bizzejjed biex ikollha kundanna, allura f'dan il-kaz tista tieqaf hemm u ma toqghodx tghabbi lill-Qorti b'pizijied zejda.'*

*Referenza ghas-sentenza sucitata saret fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Roderick Gerada</u>**[64] fejn din tal-ahhar ghamlet referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Fenech Omissis</u>**[65] fejn id-Difiza kienet attakkat il-kaz tal-Prosekuzzjoni minhabba li din kienet ghal xi raguni <u>naqset milli tressaq bhala prova 'il-letter to prosecute' mahruga mid-Direttur ta' Transport Malta</u>. Il-Qorti qalet hekk:*

*'Id-difiża ssottomettiet ukoll li f'dan il-każ 'il-best evidence' kienet tkun il-letter to prosecute. Fil-fehma tal-Qorti, dan mhux bilfors huwa korrett. L-ewwelnett ħa naraw kif qed tkun ittrattata din ir-regola li tidher fl-artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Fil-Blackstone's Criminal Practice tas-sena 2008 )xord paġina 2285 insibu hekk:*

*'The best evidence rule, which was used in the 18th and early 19th centuries as an exclusionary principle, i.e. to prevent the admission of certain evidence where better evidence was available, is now all but defunct.'*

*U Lord Denning qal hekk dwar din ir-regola:*

*The old rule, that a party must produce the best evidence that the nature of the case will allow, and that any less good evidence is to be excluded, has gone by the board long ago. The only remaining instance*

[64] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 t' Ottubru, 2022
[65] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-15 t' Ottubru, 2013

*of it is that, if an original document is available on one's hands, one must produce it; that one cannot give secondary evidence by producing a copy. Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight, and not to admissibility.'*

*Minn dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet jirriżulta li l-best evidence rule kif nafuha ilha li spiċċat. Aħna nibqgħu nippersistu ngħidu l-istess ħaġa qisu qatt ma ċċaqlaq xejn għal tal-anqas dawn l-aħħar 44 sena. Basta ngħidu bħal dak li qalu ta' qabilna.'*

Illi l-*letter to prosecute* tezisti sabiex jigu stitwiti proceduri penali skont il-ligi. Huwa minnu li huwa desirabbli illi min jiffirma l-*letter to prosecute,* jitla' jixhed u jahlifha bil-gurament. Madankollu jekk dan ma jsirx ma jfissirx ma jfissirx li l-proceduri huma monki u ghalhekk it-tieni aggravji tal-appellant Attard qed jigi michud.

**<u>It-tielet aggravju</u>** tal-appellant Attard jikkoncerna l-fatt li l-appellant gie ordnat mill-ewwel qorti sabiex ihallas dwana fuq *fuel oil* li s-sid legittimu ma kellux ihallas. In oltre, jghid li dan kaz ta' serq u mhux importazzjoni ta' *fuel.* Huwa sostna wkoll illi ma fhemx ezatt il-kalkolu tal-ammonti maghduda bhala multa/dejn civili a favur id-Dwana, kif kienet wasllet ghalihom l-ewwel qorti.

Illi l-*fuel* li gie misruq fil-kaz odjern kien tat-tip *duty free*. L-artikolu 62(c), (e), (f), (g), (h), (i), (k) tal-Ordinanza tad-Dwana Dawn jipprovdu li huwa hati ta' reat kull min:

*(c) jikkunsinna, iwarrab, jew jirtira minn bastiment, moll, bankina, jew lok iehor, qabel l-eżami tagħhom mill-uffiċjal inkarigat tad-dwana, mhux bl-awtorità jew taht is-sorveljanza ta' dan l-uffiċjal, oġġetti mportati f'Malta, jew oġġetti ddikjarati biex jiġu mdahhla fid-depożt wara li jiġu żbarkati, b'mod li l- uffiċjal inkarigat ma jkunx jista' jiehu tagħhom nota kif imiss, jew b'mod li ma jkunux ġew imdahhla fid-depożt kif imiss; jew*

*(e) xjentement ighin jew ikollu x'jaqsam filli jiġu mwarrba jew irtirati kontra l-liġi oġġetti minn maħżen ta' depożt tal-gvern jew privat, jew lok iehor ta' kustodja, fejn dawk l-oġġetti jkunu ġew iddepożitati; jew*

*(f) xjentement jilqa' ghandu, iżomm, jew jahbi, jew xjentement ihalli jew jittollera, jew igieghel jew ifittex li jiġu milqugha, miżmuma jew mohbija oġġetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma hallsux dazju, jew oġġetti li jkunu ġew imwarrba kontra l-liġi mingħajr hlas ta' dazju, minn mahzen ta' depożt tal-gvern jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn ikunu ġew iddepożitati; jew*

*(g) xjentement jigi fil-pussess ta' dawn l-oggetti; jew*

*(h) xjentement ikollu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depożt jew habi ta' dawn l-oġġetti jew, filli b'xi mod jiddisponi minn dawn l-oggetti, bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imiss jithallas fuqhom, jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oġġetti jew li tkun tghodd ghalihom; jew*

*(i) xjentement ikollu b'xi mod x'jaqsam, filli bil-qerq jinharab jew jigi ittentat li jinharab xi dazju tad-dwana, jew xi ligi jew limitazzjoni tad-dwana, dwar limportazzjoni, il-hatt, it-trasbord, l-iżbark u l-kunsinna ta' oġġetti, jew xi dispożizzjoni oħra ta' din 1-Ordinanza; jew*

*(i) ifixkel l-uffiċjal tad-dwana jew lil xi hadd iehor inkarigat skont il-liġi biex ma jhallix li jsir kontrabandu, fl-esekuzzjoni tad- dmirijiet tiegħu jew filąbid ta' oġġetti li jistgħu jiġu kkonfiskati taht din l-Ordinanza, jew ma jwettaqx dak li jkun mitlub jagħmel minn uffiċjal tad-Dwana fil qadi ta' dmiru; jew*

*(k) ihajjar, jgħin jew jassisti l-ghemil tar-reati msemmija f'din l-Ordinanza;*

Illi din il-Qorti ma ghandiex dubbju illi l-appellant kien jaf li il-*fuel oil* in kwistjoni kien tat-tip *duty free*. Meta xehed Paul Cremona quddiem il-Qorti qal illi kien accetta li jixtri l-fuel ghax kien irhas milli kieku xtara mill-pompa. Qal ukoll li dan il-*fuel* li kien hadlu Debono kien ahmar u li jixtri mill-pompa jkun abjad. Il-*fuel* huwa sogett ghar-restrizzjonijiet imposti mill-Ordinanza dwar id-Dwana u dawn id-dispozizzjonijiet gew aplikabbli kontra l-appellantkif gew kommessi dawn ir-reati mertu tal-kaz odjern.

L-Artikolu 62 tal-Ordinanza dwar id-Dwana jipprovdi s-segwenti dwar il-pieni applikabbli:

*'jeħel, meta jinstab ħati, għal kull wieħed minn dawn ir-reati multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas, iżda f'kull każ mhux inqas minn sitt mitt euro (€600), hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew għal dik il-multa flimkien ma' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin, u l-ħati jista' jiġi arrestat jew miġjub quddiem ilqorti b'ċitazzjoni bil-mod u fil-forma kif jingħad fil-Kodiċi Kriminali, u skont id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' dak il-Kodiċi'*

L-ammont ta' dazzju dovut gie kkonfermat li huwa korrett mix-xhud Anthony Zammit[66] u cioe' dak fl-ammont ta'€28,090. Tlett darbiet dan l-ammont jigi €84,270 u l-ewwel qorti qasmet dan l-ammont fi tnejn u cioe' bejn l-appellant u l-ko-akkuzat Carmel Chircop. Ghaldaqstant it-tielet aggravju tal-appellant Attard ukoll qed jigi respint.

[66] Fol. 576 tal-process.

Illi l-unika aggravju mressaq mill-Avukat Generali fir-rikors t' appell tieghu huwa l-fatt li l-appellant ma nstabx hati bhala ufficjal pubbliku u cioe' ghaliex kien pulizija. Minghajr telf ta' zmien din il-Qorti tghid illi l-prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova f'dan ir-rigward. Ghalkemm huwa minnu illi diversi xhieda rreferew ghall-appellat/appellant Peter Paul Attard bhala 'pulizija' u anke kien hemm xhud qal li rah bl-uniformi, din zgur mhux l-aqwa prova li setghet iggib il-prosekuzzjoni. Persuna ghaf tkun maghrufa b'laqam jew'b'certu mod li ma jkunx vera. Ezempju semplici ghal cirkostanza simili hija persuna mlaqma bhala 'parrukier'u kulhadd isejjahlu b'dan il-mod. Wiehed jassumi illi dan il-bniedem li jaghmel ix-xaghar izda fil-verita' n-nannu tieghu kien parrukier u mhux hu, izda pero' baqa' jigi msejjah hekk. Illi l-prosekuzzjoni kellha ta' l-inqas iggib xi hadd inkarigat mill-*human resuorces* tal-Korp tal-Pulizija sabiex tikkonferma l-ingagg tal-appellat u anke tharrek lil xi hadd mill-JobsPlus sabiex jesebixxi *employment history* tal-istess appellat. Ghal dawn ir-ragunijiet l-aggravju mressaq mill-Avukat Generali wkoll qed jigi michud.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-Qorti qeghda tichad l-aggravji kollha tal-appellant Peter Paul Attard. Qeghda wkoll tichad l-aggravju mressaq mill-Avukat Generali. Tikkonferma is-sentenza tal-ewwel qorti, b'dan illi tispecifika illi l-appellant/appellat Peter Paul Attard lanqas ma nstab hati fil-kapacita' tieghu t'ufficjal pubbliku.

**Imhallef**

**Consuelo Scerri Herrera**